MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 411/2009

Il- Pulizija
[Spettur Malcolm Bondin]

Vs

Saviour Agius

Illum 18 ta' Jannar 2010

Kumpilazzjoni Nru: 411/2009

Il- Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Saviour Agius ta' 31 sena, iben Carmel u Maria Dolores nee` Borg, imwieled San Giljan, nhar is- 16 ta' Marzu, 1978 u residenti 114, Triq San Bastjan, Qormi, detentur tal- Karta ta' l- Identita` bin- numru 203278M.

Akkuzat talli fil- 11 ta' Mejju, 2008 ghal- habta tas- 12:45hrs, fi Triq il- Vitorja, Qormi, ikkommetta serq ta' stereo ta' l- ghamla Clarion u pocket b' cds minn vettura ta' l- ghamla Peugeot 205 bin- numri tar- registrazzjoni CAH231, ghad- detriment ta' Kurt Mifsud, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l- Aritkoli 49, 50 u 289 tal- Kodici Kriminali b' diversi sentenzi mghotija mill- Qorti tal- Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma llum meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni wara li taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati in kwistjoni, u l-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-

xahar prigunerija. Il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex jaghti l-ghajnuna kollha necessarja lill-imputat kontra l-vizzju tad-droga u li meta jkun opportun jibda programm ta' riabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------